**MINUTI**

**GVERN LOKALI TA' XBIEX**

IS-SITT LEĠISLATURA 2008 - 2011

**SEDUTA NUMRU 10**

IT-TNEJN 11 TA' MEJJU 2009 FIS-1.30 TA' WARA NOFS-IN-NHAR.

**PRE|ENTI**

| | |
|---|---|
| ANTOINETTE VASSALLO | SINDKU |
| ANTHONY FARRUGIA | VIĊI SINDKU |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |

**SKU|AT**

| | |
|---|---|
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |

**TALBA**

IS-SINDKU QALET IT-TALBA

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

i Il-Minuti tas-Seduta Numru 9 li saret fit-18 ta' Marzu 2009 ittieħdu bħala moqrija. Is-Sindku Antoinette Vassallo ipproponiet li dawn jiġu approvati. Il-Kunsillier E. Muscat issekonda. Dawn ġew approvati unanimament.

Il-Minuti ta' l-Aġġornament tas-Seduta Numru 9 ukoll ittieħdu bħala moqrija. Is-Sindku pproponiet li dawn jiġu approvati. Il-Viċi Sindku A. Farrugia issekonda. Dawn ġew approvati unanimament.

## II APPROVAZZJONI TA' L-ESTIMI FINANZJARJI

i Is-Sindku A. Vassallo ipproponiet li l-Estimi Finanzjarji għas-Sena 2009-2010 jiġu approvati. Il-Kunsillier F. Roe issekonda. Dawn ġew approvati unanimament.

## III PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

i Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Avukat tal-Kunsill kiteb lid-Dhalia dwar il-każ ta' l-arloġġ tad-dawl. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kien hemm kuntatt mal-*Accountant* tal-Kumpanija u hija nfurmatu li l-Kunsill lest li jħallas immedjament l-ammont li ġie stabbilit fis-sentenza, kif ukoll il-kontijiet li hemm pendenti mill-ftuħ tal-kawża 'l hawn. Hija nfurmat ukoll li talbet lid-Dhalia biex minflok jiffirmaw il-formoli għat-trasferiment ta' l-arloġġ isiru arranġamenti biex dan jitneħħa (Blk A). Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas dovut.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

**PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI (ikompli…….)**

ii Is-Sindku rreferiet għal kont pendenti li hemm mal-*Park Hotel* inkonnesjoni mal-akkomodazzjoni taż-żagħżagħ li pparteċipaw fil-proġett tat-2*ools*. Hija qalet li tkellmet mas-Sur Selvaggi u ntlaħaq kompromess li dan jiġi mnaqqas b'madwar €780. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet li ssir reviżjoni tal-*invoice* biex ikun jista' jsir il-pagament. Hija fakkret ukoll li r-rapport tal-proġett għadu ma ntbgħatx u għaldaqstant l-20% ta' l-allokazzjoni għada ma ngħatatx lill-Kunsill.

iii Il-Kunsillier E. Muscat rrefera għal-proġett tal-*junction.* Huwa irraporta li kellem lill-Perit D. Vassallo tal-ADT biex immedjatament jibgħat in "*No Objection*" lill-MEPA. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li peress li l-proġett huwa wieħed kapitali u se jsiru xogħlijiet infrastrutturali fuq is-*soft areas*, il-Kunsill aħjar jitlob devoluzzjoni ta' dawn il-ġonna żgħar biex l-ispejjes minfuqa jkunu qed isiru fuq propjeta' tal-Kunsill. Hija fakkret ukoll li l-Kunsill kien iddiskuta l- possibilita' li ssir ATM kif ukoll li jsiru xi ġwiebi fl-imsemmija *soft areas*. Is-Sindku pproponiet li jinbeda' l-proċess għad-devoluzzjoni ta' dawn is-siti. Il-Kunsillier E. Muscat u l-Kunsillier F.Roe issekondaw. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

iv Dwar it-twaħħil tal- kumplament tas-siġar mid-*Derek Garden Centre* is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li t-talba għal-flus tal-HSBC għada ma tistax issir peress li x-xoghlijiet ma ġewx konkluzi. Is-Sindku ħadet l-inkarigu li dawn ix-xogħlijiet isiru.

v Is-Sindku nfurmat li kellha laqgħa mal-MEUSAC dwar proġetti prospettivi ffinanzjati mill-fondi ta' l-EU. Il-Kunsill iddiskuta r-riżoluzzjoni dwar "Studju tal-Vantaġġi li wieħed juża " *Solar Energy Systems".* Is-Sindku pproponiet li nqabbdu lill *Electrical Engineer* R. Curmi biex iħejji l-formola ta' applikazzjoni biex jinkisbu fondi mill-EU għal dan il-proġett. Il-Viċi Sindku A. Farrugia ssekonda. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Is-Sindku pproponiet ukoll li kif fil-jiem li gejjien se jkun hawn delegazzjoni minn Ilioupoli niddiskutu l-possibilita' li dawn japplikaw permezz ta' program tal-EU biex intellgħu grupp ta' anzjani l-Greċja. Il-Kunsill qabel ma dan u ġie deċiż ukoll li ssir applikazzjoni minn naħa tagħna biex tiġi organizzata attivita' kulturali bejn iż-żewġ Kunsilli hawn Malta.

Antoinette Vassallo — Sindku

Marisa Pisani — Segretarju Eżekuttiv

**PUNTI LI JOĦORĠU MINUTI (ikompli…….)**

vi Dwar il-Polza tas-sigurita tal-Kunsill is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li din għadu qed jaħdem fuqha l-Kunsillier A. Cachia Castelletti.

vii Il-Kunsill iddiskuta d-dokument tat-*tender* tal-*Contract Manager* . Is-Sindku pproponiet li dan jiġi approvat u tinħareġ sejħa għall-offerti. Il-Kunsill F. Roe issekonda. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

viii Il-Kunsill iddiskuta t-talbiet tas-sidien tal-*koisks* tal-ġelat li huma s-Sur C. Gatt u s-Sur G. Camenzuli. Il-Kunsill qabel unanimament li dawn għandhom jingħataw permess biss għad-dawl temporanju.

ix Il-Kunsillier F. Roe irrapporta li dwar il-periklu fit-*T Junction* ta' Triq id-Deffa. Huwa qal li hu u l-Kunsillier A. Cachia Castelletti marru fil-post biex jiġi identifikat x'jista' jsir u t-tnejn qablu li għandha ssir *stop* fil-kantuniera. Il-Kunsillier E. Muscat ppropona li fi Triq A. Rigord u fi Triq il-Prinċipessa Margerita jsiru żewġ tabelli li jindikaw il-limitu tas-sewqan. Huwa talab ukoll li titwaħħal tabella tal- *cul de sac* fi Triq l-Imradd fejn qed isir l-iżvilupp. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

x Il-Kunsill iddiskuta ż-żjara tad-delagazzjoni Griega li se tipparteċipa fil-Konferenza *Zooming*. Il-Kunsill qabel li sir laqgħa uffiċċjali fl-ewwel ġurnata u li jiġu organiżzati ħarġiet soċjali u kulturali matul iż-żjara tagħhom.

xi Is-Sindku rreferiet għal program ta' JUM TA' XBIEX. Ġie deċiż li fit-12 ta' Ġunju ssir Quddiesa u l-għotja ta' "Ġieħ Ta' Xbiex" u r-reception isiru fit-13 ta' Ġunju. Il-Kunsill qabel ma dan u ġie deċiż li l-parata tal-*boy scouts* issir nhar it-28 ta' Ġunju waqt il-Lejla Maltija li qed tiġi organiżżata mill- Knisja.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

## III PUNTI LI JOĦORĠU MINUTI (ikompli…….)

xii Il-Kunsilliera E. Muscat u F. Roe ppreżentaw rapport b'diversi lmenti għal kull azzjoni neċessarja.

**Il-Laqgħa spiċċat fit-3.45pm u sar aġġornament għal nhar l-Erbgħa 2 ta' Ġunju 2009 fis-1.30pm**

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| Antoinette Vassallo | Marisa Pisani |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |